# It-Tagħlim tal-Ingliż bħala Lsien Barrani: 2023

NR092/2024 Data tal-Ħruġ: 20 ta' Mejju 2024

*Fl-2023, l-għadd ta' studenti barranin li attendew korsijiet mill-iskejjel illiċenzjati għat-Tagħlim tal-Ilsien Ingliż (ELT) kien ta' 78,567, żieda ta' 21,892 fuq l-2022.*



Il-maġġoranza tal-istudenti li marru xi kors tal-ilsien Ingliż f'Malta ġew mill-Italja (27.8 fil-mija), mill-Ġermanja (10.4 fil-mija) u minn Franza (9.0 fil-mija). B'kollox, 73.9 fil-mija tal-istudenti ġew minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) (Tabella nru 1).

Il-parti l-kbira tal-istudenti tal-ELT kellhom 15-il sena jew anqas u kienu jammontaw għal 28.3 fil-mija tal-istudenti kollha li marru dawn il-korsijiet. Studenti ta' 50 sena jew aktar kienu ftit u kienu jgħoddu 6,080. L-istudenti femminili kienu aktar minn dawk maskili u kienu jgħoddu 61.9 fil-mija tal-istudenti kollha tal-ELT (Tabella nri 2 u 3, Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. L-istudenti barranin jattendu korsijiet¹ fl-iskejjel tal-ELT, bil-grupp tal-età u s-sess




¹ Xi korsijiet saru mill-bogħod.

Bi 17.1 fil-mija tal-għadd kollu tas-sena, Lulju kien ix-xahar meta l-iskejjel tal-ELT kellhom l-akbar attendenzi. Dan kien segwit mix-xhur ta' Awwissu u Marzu li kellhom 13.4 fil-mija u 10.5 fil-mija tal-attendenzi kollha, rispettivament (Tabella nru 4).

Il-kors bl-akbar għadd ta' studenti li qagħdu għalih kien il-'General English: Standard', li għamluh total ta' 57,384 student, jew 73.1 fil-mija. Warajh, kien hemm il-korsijiet tal-'Intensive English' li għamluhom 16.5 fil-mija tal-istudenti kollha (Tabella nru 5, Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. It-taqsim perċentwali tal-istudenti barranin jattendu korsijiet¹ fl-iskejjel tal-ELT, bit-tip ta' kors




¹ Xi korsijiet saru mill-bogħod.

Noti:

1. L-Ingliż għal għanijiet speċifiċi jinkludi l-Ingliż għan-negozju.
2. 'L-Oħrajn' jinkludu korsijiet bi tħejjija għall-eżaminijiet, lezzjonijiet individwali, taħlita ta' korsijiet, u korsijiet oħra.
3. It-totali jistgħu ma jammontawx minħabba l-arrotondament.

L-istudenti barranin li kienu qegħdin jitgħallmu l-Ilsien Ingliż qattgħu b'kollox 273,131 ġimgħa ta' tagħlim. Il-korsijiet b'attendenza fiżika kienu jammontaw għal 99.0 fil-mija tal-ġimgħat kollha tal-istudenti, filwaqt li l-korsijiet online kellhom biss 1.0 fil-mija. Ras għal ras, l-istudenti qagħdu medja ta' 3.5 ġimgħat, tnaqqis ta' 0.9 mqabbla mas-sena ta' qabel (Tabella nru 7). B'medja ta' 14.7-il ġimgħa, l-istudenti mill-Kolombja kellhom l-akbar għadd ta' ġimgħat ta' tagħlim. Warajhom, kien hemm l-istudenti Ċileni u Sud Koreani li qagħdu 13.3 u 10.7 ġimgħat, rispettivament (Tabelli nri 8 u 9).

Fl-2023, l-istaff tal-għalliema f'dawn l-iskejjel kien jammonta għal 620, bl-akbar għadd tagħhom (25.0 fil-mija) fl-età ta' 55 sena u aktar. L-għalliema nisa laħqu 70.3 fil-mija tal-istaff kollu (Tabella nru 10), filwaqt li l-istaff mhux tat-tagħlim laħaq 603, li 69.2 fil-mija tiegħu kien jaħdem full-time (Tabelli nri 10 u 11).

## Ċart nru 3. It-taqsim perċentwali ta' studenti barranin jattendu korsijiet¹ fl-iskejjel tal-ELT, bil-grupp tal-età




¹ Xi korsijiet saru mill-bogħod.

## Ċart nru 4. L-għadd ta' studenti barranin u l-ġimgħat tat-tagħlim, bl-għaxar pajjiżi ewlenin taċ-ċittadinanza




Nota: It-totali jistgħu ma jammontawx minħabba l-arrotondament.

## Ċart nru 5. L-għadd ta' studenti barranin u l-ġimgħat tat-tagħlim

